TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU.94

KAZ NRU. 121

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Anthony Mifsud
u
Malta Drydocks Corporation
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data: 5 ta' Awissu 1981

Chairman: Mr T. Portughese B.A.(Hons.), M.A.

Il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet imsemmija waslet quddiem it-Trubunal Industrijali permezz ta' ittra bid-data 28 ta' Jannar 1981 mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara, taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976. Il-kaz jikkoncerna t-tkeccija tas-Sur Anthony Mifsud mill-Malta Drydocks Corporation. Is-Sur Mifsud, li kien impjegat bhala Security Guard, allega li t-tkeccija tieghu kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erba' seduti li fihom l-appellant kien assistit mis-Sinjuri Sonny Brincau, mis-Sur John B. Frendo u mis-Sur Joseph Pace, Segretarju, President u Assistent Segretarju rispettivament tas-Supervisory, Technical and Professional Staffs Association tal-General Workers' Union. Ghall-Malta Drydocks Corporation deher is-Sur Carmel Debono, Personnel Manager, assistit mis-Sur John Micallef, Chief Security Guard.

3. Statement of Case - Ghall-appellant gie sottomess li hu kien impjegat mall-Malta Drydocks fid-19 ta' April 1976 bhala Security Guard. L-Objettiv tal-kaz imqajjem mill-appellant huwa li jinghata lura l-impjieg minghajr ma jitlef xejn mill-kundizzjonijiet tax-xoghol li kien qieghed igawdi qabel ma tkecca

/2. .....

nhat it-22 ta' Dicembru tal-1980. Waqt li kien qieghed hdejn l-entrance-gate, nhar il-Gimgha, 21 ta' Novembru tal-1980, ghal xi l-ghaxra ta' fil-ghodu, lemah bott zghir, li wara rrizulta li kien "sound bleeper", gabru mill-art, hadu fil-gate u poggieh fuq it-tieqa fl-ufficcju tas-Security Guards. Ghall xin-nofs siegha ta' wara nofs in-nhar, mar fuq l-appellant is-Sur J. Micallef, ic-Chief Security Guard flimkien mas-Sur Ray Balzan, il-Manager tal-Manoel Island Yacht Yard, fejn naturalment jinghad li sehh l-allegat kaz. Is-Sur Micallef staqsa lill-appellant jekk kienx miss xi haga minn xi motor cycle ghaliex wiehed Ingliz kien qed jakkuzah li seraq bleeper. Is-Sur Mifsud qal li dan l-oggett kien qieghed fuq it-tieqa tal-ufficcju wara li gabru mill-art, u ghamilha cara li ma kienx serqu. Bhala segwitu ta' dan l-incident, l-appellant irrapporta mbaghad ghand is-Sur C. Debono, il-Personnel Manager tal-Malta Drydocks li pprezentalu tliet alternattivi li:

(a) jew jirrizenja minn Security Guard;

(b) jew jigi mkecci mix-xoghol;

(c) jew il-kaz jigi riferut lill-Pulizija.

Huwa rrifjuta li jirrizenja biex imbaghad permezz ta' ittra fis-17 ta' Dicembru tal-1980, gie mgharraf li l-impjieg tieghu kellu jintemm fit-22 ta' Dicembru tal-1980.

Gie sottomess ukoll li l-Management ma rreferhiex il-kaz lill-Pulizija u ma tax ic-cans lis-Sur Mifsud li jiddefendi ruhu. Intqal barra minn hekk li l-appellant ma giex ittrattat skond kif jitolbu r-Regolamenti ta' Dixxiplina tat-Tarzna, Part III, paragrafu 11, u ghalhekk tkecca arbitrarjament.

Din it-tkeccija giet ikkagunata, skond l-istatement of case tal-appellant, minn semplici hsieb li l-oggett in kwistjoni insteraq u mhux ingabar mill-art, wisq probabbli wara li waqa' minn xi vettura ghax il-jum ta' qabel infetah ir-rixtellu tal-kancell li qaleb il-muturi ma' l-art.

/3. .....

Gie emfasizzat ukoll il-punt li l-appellant ma nghatax l-opportunita' li jiddefendi ruhu kemm skond il-proceduri ta' dixxiplina in vigore fit-Tarzna kif ukoll skond il-Ligi Civili.

<u>Ghall-Malta Drydocks Corporation</u> gie sottomess li fil-21 ta' Novembru tal-1980 il-Personnel Manager ircieva rapport minghand ic-Chief Security Guard li s-Sur Anthony Mifsud kien instab li kellu fil-pussess tieghu proprjeta' ta' klijent minghajr awtorizzazzjoni. Fl-istess jum l-appellant gie sospiz. Saret investigazzjoni shiha fl-isfond ta' dettalji moghtija mic-Chief Security Guard u minn membru tal-crew tal-Yacht "Patrilla". B'hekk is-Sur Mifsud intalab li jirrizenja, izda rrifjuta u ghalhekk il-Management irrikorra ghall-alternattiva li jtemm l-impjieg tieghu.

Din id-decizjoni ttiehdet ghax is-Sur Mifsud irrifjuta bonarjament li jirrizenja minn Security Guard, u kellha bhala kawza fundamentali taghha l-fatt li l-azzjoni tas-Sur Mifsud ma kienetx accettabbli u 'l boghod ferm mill-imgieba mistennija minn membru tal-forza tas-sigurta' tal-Malta Drydocks.

Punt essenzjali iehor jikkoncerna partikolarment il-fattur tal-fiducja ghax fil-fehma tal-Malta Drydocks Corporation ma tistax taffordja li jkollha fl-impjieg taghha bhala Security Guard, individwu li permezz tal-azzjoni li wettaq, tilef il-fiducja tas-superjuri tieghu u tal-imsemmija Malta Drydocks Corporation.

4. <u>Xhieda</u>. Fl-isvolgiment tal-kaz instemghu dawn ix-xhieda bil-gurament:

<u>Imsejjhin mill-applikant, is-Sur Anthony Mifsud</u>

Is-Sur Anthony Gatt, Customs' Guard

Is-Sur Alfred Blundell, Security Guard mall-Malta Drydocks Corporation

Is-Sur Saviour Micallef, Security Guard mall-Malta Drydocks Corporation

/4. .....

Imsejjhin mill-Malta Drydocks Corporation

Is-Sur Carmel Facciol, Senior Security Guard mall-Malta Drydocks Corporation

Is-Sur Ray Balzan, Manager, Manoel Island Yacht Yard

5. Dokumenti Esibiti:

Rapport minghand ic-Chief Security Guard lill-Personnel Manager (Dokument A)

Ittra ta' sospensjoni (Dokument B)
Statement minn R. Brock tal-yacht "Patrilla" (Dokument C)
Ittra tat-temm ta' l-impjieg (Dokument D)
Ittra ta' rifjut tas-sensja (Dokument E)

Dawn id-dokumenti tressqu mill-Malta Drydocks Corporation.

6. Xhieda fil-qosor

Is-Sur Anthony Gatt qal li dak in-nhar li nqala' l-kaz kienu hu u l-parker inaddfu xi sigar u fjuri barra l-kancell ta' Manoel Island Yacht Yard u f'hin minnhom ra lis-Sur Mifsud jitbaxxa u staqsieh "dan x'inhu?". Imbaghad dahal gewwa; wara ra dan il-bott fuq hogor it-tieqa. Fil-fatt huwa ma ssuspetta xejn li seta' hadu. Huwa qal li jaf x'inhu Bleeper u li jekk dan jinqataghlu l-wire jista' jaqa'.

Is-Sur Alfred Blundell xehed li jahseb li hu l-aktar wiehed li jaghmel ghassa fil-Manoel Island Yacht Yard. Ta' spiss meta jqum ir-rih, il-gate taqleb xi muturi li jkun hemm, l-aktar fix-xitwa. Meta jigri hekk ma jarawx ikunx hemm hsara ghaliex mhux dmirhom, izda gieli jigi sidhom u jghid li kellu per ezempju l-mera mghawwga. Min-naha tas-Security Guard jghid lill-klijenti ghaliex ikun gara hekk. Meta xi oggetti jaqghu mill-muturi, is-Security Guard ipoggihom f'posthom u ftit jew wisq jaghti kas jekk waqghux. Gieli wkoll li ma jinfurmax b'dan lis-Senior Security Guard, specjalment jekk il-kaz jigri barra l-gate. Jibqaghlu d-dmir biss bhala cittadin Malti li jinforma lill-pulizija. Jekk pero' isib xi haga ta' valur kbir, inizzilha

fl-okkorrenzi u jgharraf lis-Senior Security Guard. Dwar id-diskrezzjoni bejn haga ta' valur zghir u ta' valur kbir, is-Sur Blundell qal li kull standing instruction tad-Drydocks tghidlek li trid tuza d-diskrezzjoni tieghek. Il-procedura li jaghmel hu u shabu meta jsibu xi haga ta' valur negligibbli hi li jhalluha fil-gate sakemm xi hadd jigi ghaliha. Jekk ikollha valur notevoli, inizzilha fl-okkorrenzi u jgharraf lis-Senior Guard. Is-Sur Blundell sostna wkoll li bhala Security Guard m'ghandux gurisdizzjoni 'l barra mill-kancell.

Is-Sur Saviour Micallef xehed li d-doveri tieghu huma ta' Senior Guard u ta' sikwit hadem go Manoel Island Yacht Yard. Li jinqala' mill-bieb 'il gewwa huwa x-xoghol tieghu u tas-Security Guards. Kien hemm hafna kazi meta r-rih fetah il-kancell. Jum qabel l-allegat incident, kien rih qawwi li qaleb il-muturi pparkjati qrib il-gate. Dak in-nhar tal-incident hu kien on duty bhala Senior Guard, u nqalbu l-muturi u gabruhom kollha. Huwa ghamilha cara li incident barra l-gate ma jaqghax fid-dmirijiet tieghu ghax mill-bieb 'il barra tigi t-triq u jifhem li hemm hija responsabbli l-pulizija.

Is-Sur Carmel Facciol xehed li serva Manoel Island kemm bhala gwardjan kemm bhala senior guard, minn hdax il-sena ilu. Meta nqala' l-incident hu kien Senior Guard. Meta dahal u ha over ma kellu ebda rapport minn filghaxija li kien hemm xi haga nieqsa. Kien hemm xi hin meta is-Sur Anthony Mifsud kien wahdu mall-gate u suppost li kien hemm tad-dwana magenbu. F'hin minnhom gie c-chief taghhom, is-Sur J. Micallef, bejn il-hdax u l-hdax u nofs. Matul il-watch, is-Sur Mifsud ma qallu li sab xejn fl-art. Huwa stqarr li jekk il-guard isib per ezempju pakkett sigarretti fit-triq ta' Manoel Island, ma jahsibx li hemm ghalfejn jirreferih lis-senior guard. F'Manoel Island, id-Drydocks m'ghandhiex parking area taghha. Meta l-oggett in kwistjoni nstab, huwa qal li ma rahx fil-post taghhom ghalkemm dahal kemm-il darba fil-lodge tal-guards. Dwar il-proceduri, is-Sur Facciol qal li jekk xi guard jara lill xi hadd jilghab mall-karozzi jew mall-muturi tal-klijenti, ghandu jiehu azzjoni billi jcempel lill-

pulizija. Huwa qal li lis-Sur Mifsud ma rahx ibaghbas xi haga barra l-gate.

Is-Sur Ray Balzan xehed li l-incident beda meta mar isibu l-kaptan tal-yacht "Patrilla" u lmenta li xi hadd minn gol-gate kien qieghed imiss il-mutur tieghu u jiehu xi affarijiet mill-mutur. Huwa baghat ghac-Chief Security Guard. Huma flimkien regghu kellmu lill-kaptan tal-"Patrilla" li kien daqsxejn iddisgustat ghax ma kienx l-ewwel kaz li naqsulu xi affarijiet. Huma kellmu wkoll lill-individwu li ra ezattament l-azzjoni ta' hdejn il-mutur. Dan l-individwu spjegalhom il-fizjonomija tal-guard, li kien duty fil-ghodu stess fil-gate u li ghandu d-daqna. Imbaghad is-Sur Micallef kellem lis-Sur Mifsud u qallu li kellu rapport li rawh imiss xi haga mill-mutur, u li jekk kellu xi oggetti ahjar jaghtihom lura. Dak il-hin is-Sur Mifsud ma ta xejn lura. Wara ta lura bleeper zghir iswed. Ix-xhud zied ighid ukoll li jekk jiftakar sewwa l-istatement dwar il-kaz mill-individwu li ra l-incident, kien hadulu l-kaptan innifsu.

Meta tkellem l-ewwel darba mall-kaptan, dan ma rreferhiex direttament ghall xi persuna partikulari. L-indikazzjonijiet saru mill-inginier jew chief mate li qal li l-guard kien duty filghodu u ghandu d-daqna. Huwa qal li waqt li kien dichel ghax-xoghol innota u ra lill-guard hdejn il-mutur. Kif il-guard rah, warrab u qal li ma ra xejn f'idejh. Imbaghad rega' hareg it-tieni darba biex jiccekkja, u sab li kien nieqes il-bleeper.

Is-Sur Balzan ghamilha cara li l-konversazzjoni ma taqbilx ezattament mall-istatement sottomess wara.

Meta is-Sur Mifsud ha l-bleeper fl-ufficcju, kien qal li dan kien qieghed imdendel u ser jaqa', u hadu minn hemm bl-impressjoni li ma jihdux haddiehor.

/7. .....

Is-Sur Balzan qal li ma jiftakarx li s-Sur Mifsud kien qal li gabulhom kif qalulu u ghamel enfasi li sabu fl-art u mhux serqu.

7. Sottomissjonijiet Finali:

Is-Sur Sonny Brincau ghall-appellant issottometta li t-Tribunal kellu jqis t-tkeccija tas-Sur Mifsud bhala wahda li saret mhux ghal kawza gusta u b'hekk jordna li jerga' jidhol ghax-xoghol fid-Drydocks bhala Security Guard minghajr ma jitlef xejn mill-kundizzjonijiet tax-xoghol li kellu qabel ma tkecca. Id-decisjoni tal-Management li jissensja lis-Sur Mifsud ittiehdet minghajr ebda kunsiderazzjoni tal-kaz izda fuq semplici hsieb ta' bniedem li hu klijent u fuq kollox dwar oggetti tal-vetturi li kienu barra l-bieb ta' Manoel Island. Hadd fil-fatt ma ra lill-appellant jaghmel dak li allega l-Management u barra minn hekk gie stabbilit li l-bleeper seta' waqa' fl-art minn xi vettura minhabba li dawn inqalghu mir-rih u l-maltemp li kien hemm il-lejl ta' qabel l-incident. Dan jikkonferma t-tezi tas-Sur Mifsud li l-bleeper sabu fl-art u qeghdu fl-ufficcju ghaliex la darba dan ma nstabx mill-bieb 'il gewwa ta' Manoel Island, ma kellux il-htiega li jirrapporta li sab dan l-oggett u din hi l-procedura prezenti. Il-Management qabad u kecca lis-Sur Mifsud minghajr ma kkunsidra bir-reqqa l-kaz u minghajr ma nghata d-dritt fundamentali li jiddefendi ruhu qabel ma ttiehdet id-decizjoni li jitkecca. Kull min irrapporta dwar il-kaz, hadd ma ra lill-appellant jiehu xejn. Kull ma rrapporta Mr Brock tal-yacht "Patrilla" li rah waqt l-allegat incident, possibilment ihares lejn il-mutur. B'hekk dak li kien qed ighid il-Management li ghandhom xhieda li raw lis-Sur Mifsud jiehu xi haga, l-istess Mr Brock ma qalx hekk.

Is-Sur Carmel Debono ghall-Malta Drydocks Corporation issottometta li t-tkeccija tas-Sur Mifsud kienet kagunata minn hadd hliefu meta l-fatti u c-cirkostanzi kollha juru li rrendewh inkapaci li jaqdi d-dmirijiet li ghalihom kien impjegat, u li bl-imgieba tieghu tilef il-fiducja tas-superjuri tieghu u tal-Malta Drydocks. Din il-parti waslet ghall din il-konkluzjoni

/8. .....

ghax tqis li kull Security Guard meta qieghed fuq id-duty kemm fit-Tarzna jew fi kwalunkwe post iehor taht il-gurisdizzjoni tat-Tarzna, anke jekk ikun fi triq pubblika, ghandu d-dmir li jirritorna l-oggetti li jsib. Il-Management issottometta wkoll li filwaqt li ma giex innegat u/jew kontestat li s-Sur Mifsud kellu fil-pussess tieghu proprjeta' minghajr awtorizzazzjoni, ix-xhieda mismugha tikkonferma li l-oggett kien proprjeta' ta' klijent, mhux oggett li jaqa' wahdu minn fuq motorcycle, li s-Sur Mifsud ma nfurmax bih lis-Senior Security Guard, u ma giex moghti lis-Sur J. Micallef, Chief Security Guard malli qallu bih. Hemm ukoll rapport konfermat bil-miktub mill-klijent innifsu li identifika lill-appellant bhala l-bniedem li kien qieghed jiffidillja mal-mutur in kwistjoni. Il-Management insista fuq l-atteggjament mohud mis-Sur Mifsud, li ma gharrafx lis-Senior Security Guard u n-nuqqas li jaghti l-oggett lic-Chief Security Guard ma' l-ewwel talba. Dan juri intenzjoni li jkompli jzomm l-oggett. Il-qofol tal-kwistjoni mhix marbuta mal-valur zghir ta' l-oggett, izda fuq il-valur ferm aktar qawwi dwar impjegat f'posizzjoni ta' fiducja assoluta u jekk dan setghax jithalla fl-impieg. Il-Management fl-ahharnett issottometta li d-decizjoni tas-sensja kienet l-anqas wahda li taghmel hsara lis-Sur Mifsud wara li rrifjuta li jirrizenja bonarjament.

8. <u>Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>:

Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li f'kull kaz li jkollu quddiemu, it-Tribunal Industrijali jrid jibbaza l-analizi u l-konstatazzjonijiet essenzjali tieghu fuq dak li jirrizulta mill-provi. Dan ifisser li t-Tribunal ma jistax jikkoncentra d-deliberazzjonijiet tieghu fuq semplici assorzjonijiet vagi u generici li ma jkunux issostanzjati bi provi xierqa u li jkunu b'mod sodisfacenti ta' natura konkreta. Il-kriterju fundamentali huwa marbut mal-fatti essenzjali u ma jistax jigi ddeterminat minn suppozizzjonijiet immaginattivi li pero' ma jigux imsahha bi provi xierqa.

Mix-xhieda li tressqet mill-Management, inbena suspett zghir li l-appellant kellu intenzjoni li jzomm l-oggett ghalih innifsu. Jibqa' l-fatt pero' li dan is-suspett baqa' ma giex konkretizzat bizzejjed bil-ghan li jintlahaq l-objettiv l-aktar indispensabbli fl-isfond tal-fatturi mehtiega halli jikkonvalidaw id-decizjoni tat-tkeccija, cioe' li tigi kostruwita prova konkreta bizzejjed li s-Sur Mifsud wettaq serq, li wettqu bi ksur car tar-regolamenti tal-azjenda fejn jahdem b'tali mod li kien jimmerita kastig ahrax. La is-Sur Facciol u l-anqas is-Sur Balzan ma pprezentaw provi validi jew awtentici li permezz taghhom wiehed ikun jista' jikkonkludi b'kuxjenza nadifa li s-Sur Mifsud tassew wettaq att ta' serq. Il-kaz baqa' ppernjat fuq rapport verbali maghmul mill-kaptan tal-yacht "Patrilla", rapport pero' li ma jaqbilx ghall kollox mall-Istatement iffirmat minn Mr R. Brock u pprezentant bhala Dokument C mill-Management. Dehret diskrepanza cara bejn dak li xehed dwar li gie rrappurtat lilu verbalment, is-Sur R. Balzan, mill-kaptan, u dan l-istatement. Il-qofol tal-istatement, jigifieri "I noticed one of the guards, with a beard, leaning over one of the motorcycles, possibly only having a look", donnu ried u ma riedx fl-istess waqt jitfa' dell ikrah fuq l-appellant, ghaliex kieku Mr Brock kien cert minnu nnifsu, kien ighid bla tlaqliq u car u tond, li ra lill-appellant iwettaq l-att kriminali, jigifieri li l-bleeper kien nieqes ghax hadu materjalment u fizikament is-Sur Mifsud. Dan l-istatement ghalhekk mhuwiex sufficjenti ghax iwassal biss ghall dubbju jew suspett vag u generiku.

X'ifisser dan kollu? Ifisser li l-kaz zviluppa fuq suspett li naturalment kien jitlob provi sostanzjali, l-aktar meta wiehed iqis onestament il-gravita' tal-kastig li l-Management ikkontempla u fil-fatt irrealizza. Barra minn hekk, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li meta wiehed iqis oggettivament il-kontroversja dwar jekk att li jitwettaq barra l-gate tal-Manoel Island Yacht Yard jiffurmax materja ta' inkriminazzjoni, fis-sens li l-individwu ikun jimmerita azzjoni kontrih jew le, meta janalizza s-sustanza vitali tal-provi jew nuqqas ta' provi

definittivi u lineari, jistaqsi, kienx ikun ahjar ghall-Management li jiehu atteggjament aktar kawt, li ma jihux decizjoni daqshekk drastika minghajr ma jordna li jsiru l-proceduri demokratici biex dan l-individwu jiddefendi lilu nnifsu wara li jigi akkuzat ufficjalment. It-Tribunal ha gost jaqra r-regolamenti ta' Dixxiplina tal-Malta Drydocks, regolamenti bilancjati li jiggarantixxu kemm l-interessi tal-Management kif ukoll tal-haddiem. Ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss li kien ikun aktar opportun, naturalment meta wiehed iqis ic-cirkustanzi globali u kumplessivi tal-provi u iz-zona dubjuza li fih jinghad li sehh l-allegat serq, li jigu nfurzati dawn il-proceduri elementari. B'hekk wisq probabbli l-apprezzjoni taghna dwar il-provi kienet tista' tintlahaq b'mod ta' riflessjoni kalma, kuxjenzjuza u oggettiva. Jibqa' wkoll fattur iehor. Minkejja l-lat umanitarju li l-Management qal li ried juri lejn l-appellant, meta l-affarijiet twalu u sserjaw, bis-Sur Mifsud jirrifjuta li jirrizenja bonarjament u anki li jaccetta s-sensja, u b'rapport li l-Management qal li kellu u li kien car u preciz biex jinkrimina bih lill-appellant, ghaliex allura ma ttiehdux proceduri kriminali permezz tal-Pulizija?

Il-fattur li gie konstatat ta' provi insufficjenti li jhallu biss suspett, mhuwiex bizzejjed li jiggustifika decizjoni daqshekk drastika. Il-gravita' tal-kastig, jigifieri tkeccija ta' impjegat, decizjoni li kwalunkwe employer ghandu jasal ghaliha wara li din hi l-ewwelnett meritata oggettivament u li verament wasal ghaliha ghax hu konvint li fizikament u materjalment twettaq att kriminali ta' certu sustanza li jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-kodici ta' dixxiplina, kienet titlob hsieb, riflessjoni u kunsiderazzjoni serja qabel ma l-Management wasal ghad-decisjoni drastika tat-tkeccija.

It-Tribunal jifhem u japprezza d-diffikultajiet tal-azjenda li tikkontrolla s-serq f'post li jrid ikun xempju u joffri grad qawwi ta' fiducja lill-klijenti. Dan hu dritt u obbligu tal-azjenda. Jibqa' pero' dritt iehor etiku u morali tad-

difiza tal-individwu li jkun akkuzat li wettaq att simili. Ghalhekk, kellhom jitressqu provi aktar konkreti li jistabbilixxu r-realta' tal-fatt, jigifieri li s-Sur Mifsud tassew seraq, hu kemm hu l-valur ta' l-oggett, li seraq f'post li jaqa' legalment taht il-gurisdizzjoni tal-Malta Drydocks Corporation u li b'ghemilu pprovoka t-telfien tal-fiducja fih bhala Security Guard. Ic-cirkustanzi holqu suspett dwar in-nuqqas ta' l-appellant, izda t-Tribunal ihoss kuxjenzjozament li ma jistax jikkonvalida tkeccija ta' haddiem minghajr ma jigi konvint li dan l-individwu wettaq att kriminali b'intenzjoni premeditata f'zona taht il-gurisdizzjoni tal-Malta Drydocks Corporation.

9. <u>Award</u>:

Wara li qies b'reqqa u meditazzjoni dawn il-kunsiderazzjonijiet, isib li mill-provi li sema', ma jirrizultalux li s-Sur Mifsud tkecca ghall raguni gusta ghax din ma gietx ippruvata b'fatti u testimonjanza sufficjenti u soddisfacenti, skond ma titlub il-Ligi tar-Relazzjonijiet Industrijali (Att Nru. XXX ta' l-1976).

Ghaldaqstant, it-Tribunal jordna li s-Sur Anthony Mifsud jerga' jigi mpjegat bhala Security Guard minghajr ma jitlef xejn mid-drittijiet li kellu qabel; li dan isehh minnufih u li l-perijodu li fih kien barra mix-xoghol ma jintilifx mis-servizz tieghu ma' l-azjenda u jitqies bhala perijodu li fih kien sospiz; jordna wkoll li l-appellant jithallas nofs il-paga ghal kemm dam barra mix-xoghol sakemm jerga' jibda x-xoghol normali tieghu minn ghada, 6 ta'Awissu 1981. Il-Malta Drydocks Corporation trid taghti wkoll il-bonus dovut lill-appellant u thallaslu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' nazzjonali ghal kemm dam b'nofs paga, bi pro rata ta' 75% it-Tarzna u 25% is-Sur Mifsud.

It-Tribunal jordna liz-zewg partijiet li jikkonformaw ma' dan l-Award skond il-Ligi in vigore.

5 ta' Awissu 1981

EDW.F. ABELA
A/SEGRETARJU

T. PORTUGHESE
CHAIRMAN
5 ta' Awissu 1981